Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAL-ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 23 ta' Settembru 2009 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Prezenti/Skuzat**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dr. | MARIA LOUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Ls Sindku talab sospensjoni tal-Laqgha sabiex jitkellmu xi residenti. Beda s-Sur Charles Camilleri b'ilment fuq il-kwantita' ta' nemel gej minn Gnien il-Kunsill. Hu qal li ilu 8 snin joqghod f'*maisonnette* biswiet u daqshekk ilu bil-problema. Is-Sur Pace qal li l-ilment kien ressqu ghall-attenzjoni tieghu s-Sur Bonnici u peress li llum inzerta maltemp ma setax jintefa' bexx. Is-Sur Camilleri talab ukoll li tittranga l-bankina u li jizdied id-dawl fuq in-naha l-ohra tal-Gnien li tigi mal-bitha tieghu. Dawn l-ilmenti gew innotati sabiex isiru kemm jista' jkun malajr.

Is-Sur Louis Camilleri ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-problema rikurrenti ta' Triq il-Pitkali. Hu qal li ma jkunx jista' jdahhal il-karozza fil-garaxx u jkollu jdahhal bil-quddiem u johrog b'lura. Is-Sur Eric Vella Bonnici qal li issa kienu ghaddew 6 xhur u ghalkemm il-problema ttaffiet bil-camera xorta ghad baqa' xi problemi. Is-Sur Cordina qal li hemm suggeriment li t-triq issir one-way bil-hin mis-7 ta' filghaxija sas-6 ta' filghodu imma lanqas residenti ma jkunu jistghu jghaddu. Dan hu dak li qed tissuggerixxi l-ADT. Kif jaf kulhadd din in-*No Entry* damet biss xahar. Is-Sur Vince Scerri li kien prezenti qal bit-traffiku ezagerat li qed jinzel ma ssuqx. Is-Sur Vella Bonnici qal li suggeriment iehor jista' jkun li ssir *one-way* mic-Chinese Restaurant sa Santa Katerina u min gej min fuq jghaddi min Gradilja jew Dun Mikiel Xerri. Ovvjament qal is-Sur Pace bl-eccezzjoni tal-Rotta 40.

Is-Sur Cordina qal li l-ADT ibblukkatilna kull talba minhabba kwistjoni fuq *speed moderators* u *one-ways* minghajr l-*except for residents.* Hu tenna li mhi l-hena ta' hadd minnhom li l-process jitwal. Is-Sur Spiteri qal li l-Kunsill ga ghandu problema bi Triq il-Linja ghax din qed tiggammja.

Is-Sur Roger Clark intervjena u qal li jekk il-Kunsill jaghmel it-triq *one-way* mill-*Junction* ta' fuq it-traffiku ha jigi *channelled* fi Triq is-Sienja li hi parallela ma' Pitkali u b'hekk ha tintefa' problema fuq triq ohra. Anka l-problema ta' trakkijiet. Hu qal li ma tistax ssolvi banda u titfghu fuq naha ohra.

Is-Sur Stefan Cordina qal ukoll li l-gwardjani jmorru fi Triq il-Gradilja, Triq il-Linja kif ukoll Triq il-Pitkali u li jista' jiggarantixxi li citazzjonijiet qeghdin jinghataw. Hu qal ukoll li fi Triq il-Pitkali qeghdin johorgu ammont sostanzjali ta' citazzjonijiet. Is-Sur Pace qal li wiehed irid jifhem li go H'Attard m'hawnx minn fejn tohrog: Triq il-Linja dejqa, Triq l-Imdina giet aghar milli kienet qabel u t-traffiku kollu jimblokka ma' Triq Hal Warda u Triq il-Mosta. Ghalhekk ir-residenti talbu li jigi ffissat meeting ma' l-ADT. Is-Sinjura Isabelle Mercieca ghaddiet suggeriment iehor: li ssir *zebra crossing* quddiem

il-Panadero. Is-Sur Ralph Cassar qal li diga' hemm wahda 'l fuq u ohra kemm kemm 'il isfel u ma tistax taghmel *zebra crossing* kull zewg passi.

Id-Dottoressa Gauci Baluci qalet li mhux daqshekk drastiku t-traffiku bil-lejl fi Triq il-Pitkali ghax darba minnhom inzertat niezla f'xi siegha ta' bil-lejl u vera kien hemm kwiet perfett.

Is-Sur Roger Clark xtaq ukoll jaghmel korrezzjoni fuq minuti precedenti rigward il-kwistjoni ta' Triq il-Mingel. Hu qal li ma tnizzilx isem Reynold Balzan fil-lista ta' min ikun prezenti jew le ghal-laqgha. Is-Sur Pace qal li fil-lista tal-prezenti jitnizzlu biss tal-Kunsilliera u qatt ma tnizzlu l-ismijiet ta' residenti prezenti. *Dawk jigu minuted biss.* Is-Sur Pace qal ukoll biex fuq il-kwistjoni ta' Triq il-Mingel jaghti naqra cans iehor minhabba li ghandu jigi jara t-triq ghan-nom ta' Bitmac *subcontractor* iehor li hadem Mater Dei.

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Sur Alfred Zammit talab korrezzjoni tal-minuti ghax kien jinsab ferm urtat li fil-minuti ma tnizzilx li hu kien qal li hu kontra kwalunkwe tip ta' vandalizmu u li fl-ebda hin ma gie mghajjat biex jiffirma d-dikjarazzjoni iffirmata mill-kollegi tieghu. Is-Sur Stefan Cordina qal li din kienet inizjattiva taghhom bhal ma gieli tressqu affarijiet ohra u l-firmatarji jkunu tnejn jew tlieta imma dan ma jfissirx li hu gie mcahhad milli jinghaqad ma' l-ohrajn biex jiffirma. Is-Sur Alfred Zammit rega' qal li hu jinghaqad ma' l-ohrajn kontra kull tip ta' vandalizmu. Hu staqsa wkoll fuq l-email li ntbaghtet fejn inghad fiha li ghal fondi specjali ma kkwalifikajniex. Is-Sur Cassar li ghal dawn il-fondi intghazlu postijiet turistici. Is-Sur Marco Spiteri qal li anka ghal attivitajiet sportivi ma kkwalifikajniex u li ghandna naghmlu hilitna biex napplikaw ghall-attivitajiet li ha jsiru fl-2010.

2. **KORRISPONDENZA**

🗁 Ittra minghand Jason Pisani - Misrah Kola Subbuteo Club sabiex dan il-Klabb isir taht il-kappa tal-Kunsill bhall ma prezentement qieghed l-Attard Athletics Club. Din it-talba giet accettata.

🗁 Ittra minghand il-Familja Tua rigward l-eghluq ta' Triq il-Kbira ghal diversi drabi f'xahar. Is-Sur Cordina qal li meta inghalqet it-triq dejjem thalla access u l-Familja Tua setghet tidhol u tohrog facilment meta dawn talbuhom. Apparti l-fatt li dawn l-attivitajiet fil-qalba tar-rahal ma jdumux iktar mill-11pm u li qed jigu nkoragguti b'moderazzjoni u koperazzjoni u dan huwa dak li qed isir min-naha tal-Kunsill.

🗁 Ittra minghand Mount Carmel Hospital rigward talba ghal-*sponsorship* ta' zewg Mini Buses ghall-harga ghal Ghawdex. Din it-talba giet milqugha.

🗁 Ittra minghand Charlot Sciberras rigward l-istat ta' Triq Kananea u l-bankina ta' Triq il-Pruna. Talba minnhom diga' saret lill-ADT sabiex isir *patching* sostanzjali fi Triq Kananea jew inkella *resurfacing* mill-gdid minhabba li l-Kunsill m'ghandux fondi ghaliha. Rigward l-istat tal-bankini fi Triq il-Pruna, dawn jidhru li ghadhom mhux hazin u ghaldaqstant jekk hemm xi nuqqasijiet jigu rimedjati xorta.

🗁 E-mail minghand is-Sur Joe Casha rigward ir-restawr tal-bust tal-Papa fi Triq il-Pitkali. Hu qal li lest jirrestawrah a spejjes tieghu pero ha jigi bzonn xi kahhal jew tnejn u dan iridu jithallsu ta' xogholhom u tal-materjal li jkun hemm bzonn. Hu qal li dan ix-xoghol mhux ha jigi jiswa iktar minn Euro300. Din it-talba giet accettata.

🗁 Ittra minghand sidien ta' bicca art fi Triq Tumas Chetcuti maghrufa bhala 'Ta' Miriam' fejn fl-istess ittra qed jinghad li parti minn gardina Dun Karm Pace hija propjeta' taghhom. Il-Kunsill ghandu jaghmel kuntatt ma' l-Avukat taghna sabiex jinghataw provi min-naha tas-sidien li din l-art fil-fatt hija taghhom.

3. **MANAGEMENT LETTER MILL-AWDITURI U RISPOSTA TAS-SINDKU**

Tressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-Management Letter li nqrat fil-prezenza ta' kulhadd, kif ukoll giet mghoddija kopja u risposta tas-Sindku ghal din l-istess ittra. Ir-risposta tas-Sindku giet approvata u ghandha tintbaghat minnufih.

## 4. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-KWART TAS-SENA/PAGAMENTI

Dawn gew approvati wara li s-Sur Marco Spiteri qal li huwa pass tajjeb li fadal bilanc ta' Euro6890.64 mill-ewwel kwart tas-sena. Kellna bzonn nibqghu sejrin hekk.

## 5. GNIEN HAL WARDA

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hemm applikazzjoni pendenti ghall-fondi specjali id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. *Pending* li din tigi approvata hemm ukoll il-fatt li dan il-progett ghandu xorta jibda u mhux jithalla fuq l-ixkaffa. Is-Sur Cassar qal li dan huwa progett ambizzjuz u ghaldaqstant ghandna nibdew minn x'imkien. Ghalhekk il-Kunsill ghandu jitfa l-applikazzjoni l-MEPA u jekk kif diga' ntqal, il-Kunsill jiehu xi fondi ohra mill-kwalifikazzjoni ghall-premju Green Challenge Award, ikollna biex nibdew.

## 6. UFFICINI TAL-KUNSILL - STIMA

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet l-istima ppreparata mill-Periti ta' l-ufficini tal-Kunsill li tammonta ghal xejn inqas minn Euro 595,100.87. Hi qalet li din l-istima hija ferm esagerata u l-Kunsill qabel ma dan. Qalet ukoll li hi thoss li l-kont mibghut mill-periti stess hu wkoll kemmxejn eccessiv: i.e.: Euro 2,360. Is-Sur Zammit qal li l-hlas lil periti suppost isir fuq il-kejl. Jekk l-istima hija esagerata ovvjament il-kont ser jitla' iktar. Is-Sur Cassar gibed l-attenzjoni sabiex ma ninsewx li dawn l-ufficini iridu jigu mghammra b'sistema alternattiva ta' dawl cioe, sistema solari. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg *tender* ghall-ufficini, tintefa' applikazzjoni id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, u kif qal is-Sur Pace, nittamaw li l-bini taghna jigi dikjarat *obsolete* halli b'hekk il-Gvern Centrali jkollu jtina post alternattiv.

## 7. JUM H'ATTARD

Giet stabbilita id-data ghal Jum H'Attard. Din ser issir nhar is-27 ta' Novembru fis-Sala tac-Centru Papa Gwanni II. Ghaldaqstant ghandhom jithejjew in-nomini kif ukoll il-varjeta' ghas-serata.

## 8. GBIR TA' SKART GOFF

Is-Sur Stefan Cordina qal li qed issir sistema fejn min ikollu ftit skart ghall-Bulky Refuse, dan jinhareg ma' l-iskart normali. Is-Sur Zammit qal li hu attenda laqgha fuq is-sistema l-gdida tal-hlas tal-landfill li ser ikun Euro20 kull tunnellata. Il-Gvern Centrali ser jaghti flus bl-allowance ta' kilo kull resident. Naturalment qal is-Sur Zammit, il-Kunsill ha jibda jhallas ghad-dhul tal-Kuntratturi tieghu fil-Landfill. Il-Wasteserv, li qed timmaniggja l-iskart tal-Landfill, ha tibda tibghat il-kont li jrid jithallas fi zmien xahar. Hu fisser ukoll li jekk il-Kunsill huwa ntitolat ghal mitt tunnellata fix-xahar, per ezempju, imma jintefghu disghin tunnellata, hemmhekk ha jibqa' d-dhul u hu accettabbli. Imma jekk dan l-ammont jinqabez, il-Kunsill ha jigi nvestigat ghalfejn qed jinhareg skart aktar minn normali. Naturalment hemm hafna affarijiet marbuta ma' dan fosthom li l-iscammel irid jigi vojt qabel ma jibda l-gabra u jrid jigi mmonitorjat x'qed jintefa' taghna fil-landfill. Is-Sur Pace qal li skart kummercjali, ghaldaqstant, ma jistax jibqa' jigi mhallas lill-Kuntrattur ez: Saracino's. Il-hlas irid jibda jsir lilna minhabba li dan l-iskart kollu ha jmur mal-kont taghna. Is-Sur Spiteri ssuggerixxa li niktbu l-hwienet biex jirriciklaw iktar ha jitnaqqas l-iskart domestiku. Is-Sur Zammit kompla billi qal li l-Onor. Chris Said issuggerixxa skema sabiex l-iskart domestiku ma jingabarx kuljum u fil-fatt hu qal li bhala gurnata, l-Hamis

tkun tajba. Is-Sur Cassar qal ukoll li Wasteserv waqfet tippromuovi ir-riciklagg nhar ta' Tlieta. Is-Sur Cassar qal li jekk ahna decizi fuq ta' nhar ta' Tlieta, in-normali m'ghandux jingabar u daqshekk. Bhala ezempju qal li tal-pastizzi, fi Triq il-Pitkali, qed johrog l-iskart normal xorta nhar ta' Tlieta u dan b'xi mod jew iehor qed jingabar. Ghaldaqstant ghandna nieqfu milli nigbru skart domestiku u jergghu jingbaghtu *leaflets* lir-residenti. Is-Sur Spiteri qal li rridu nitkellmu ma' Mario ghaliex jekk ninqabdu b'iktar skart milli jtina fondi l-Ministeru, ha naghmlu telf minn din is-sistema u dan zgur mhux possibbli.

**9. ENERGY DAY - AGGORNAMENT**

Is-Sur Cassar qal li ghandhom jitpoggew zewg riklami fil-gazzetti lokali ghal fiera tal-Energija, kif ukoll tintbaghat cirkolari lill-dawk li tefghu it-*tender* u xi kumpaniji ohra ta' sistemi solari. Ghandu wkoll isir kuntatt ma' min ser jipprovdi l-*istands* sabiex jigi stabbilit prezz ghal promoturi. Barra minn dan ghandha titqabbad kumpanija ohra, bhall-Outlook, sabiex jithejja l-leaflet li ser jitqassam waqt il-fiera tal-energija. Skond l-applikazzjonijiet, wiehed imbaghad imexxi.

**9. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Pace ressaq dan il-punt:

- Talba ghall-Un/loading bay fi Triq iz-Zaghfran quddiem In-Niccu Bar.

Is-Sur Marko Spiteri ressaq dan il-Punt:

- E-mail minghand is-Sur Godfey Camilleri rigward punti differenti. Ghandha tintbaghat risposta lis-Sur Camilleri skond kif spjegat miS-Segretarju Ezekuttiv.

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punt:

- Hu talab li jigi nfurmat sew fuq iz-zbiegh tal-Gazebos fi Gnien Misrah Kola. Hu qal li kien gie mwieghed li dawn ha jinzebghu u ma sarux. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li jekk hemm bzonn jergghu isiru imma jekk ghadhom sew mhux il-kaz li jinhela flus u zmien fuqhom.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punt:

- Talba sabiex isiru kuntatti mal-Mixtla tal-Gvern sabiex jinzerghu xi sigar fl-area t'hemmhekk. Ghandu jigi ccarat ezatti fejn u wara jsiru kuntatti maghhom.

Is-Sur J. P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Talba sabiex jaqa' l-hajt tal-bricks fi Triq il-Kbira
- Isiru xi bandli fi Gnien Karm Debono
- Isiru dawk il-*bins* ghall-klieb
- Recycle bin ghall-hgieg biss hdejn l-Ghajn. Minhabba li dan jiswa Euro 10 kull jum ma jistax jigi affordjat.

**10. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.30pm.

______________________ ____________________

Sindku Data